REPUBBLIKA TA' MALTA

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

14,878

Il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru, 1987
Friday, 23rd October, 1987

Prezz 8c
Price 8c

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

### Nru. 637

### NOMINI TA' KAP II

IL-PRIM Ministru approva n-nomina ta' l-uffiċjali msemmija hawn taħt bħala Kap II b'seħħ mis-6 ta' Ottubru, 1987.

Is-Sur Paul C. Muscat, D.S.S.
Is-Sur Joseph M. Schembri, B.Educ.
Is-Sur Edgar Spiteri Staines
Is-Sur Stephen Sant' Angelo
Is-Sur Joseph Curmi, D.P.A.
Is-Sur Nazzareno Camilleri, B.Sc. (Econ.), D.P.A.
Is-Sur Michael Sant, B.A. (Hons)
Is-Sur Emanuel Sammut
Is-Sur Anthony Mallia
Is-Sur Anthony Busuttil, B.A. (Econ.)

It-23 ta' Ottubru, 1987
(OPM/E/38/75)

### Nru. 638

### IS-SEGRETARJU TAD-DJAR JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Albert Attard, Segretarju tad-Djar, reġa' daħal għal dmirijietu fid-19 ta' Ottubru, 1987, u l-arranġament li hemm riferenza għalih fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 613 tat-13 ta' Otubru, 1987, huwa b'din imħassar.

It-23 ta' Ottubru, 1987
(OPM/E/1112/66)

## GOVERNMENT NOTICES

### No. 637

### APPOINTMENTS OF HEAD II

THE Prime Minister has approved the appointment of the undermentioned officers as Head II with effect from 6th October, 1987.

Mr Paul C. Muscat, D.S.S.
Mr Joseph M. Schembri, B.Educ.
Mr Edgar Spiteri Staines
Mr Stephen Sant' Angelo
Mr Joseph Curmi, D.P.A.
Mr Nazzareno Camilleri, B.Sc. (Econ.), D.P.A.
Mr Michael Sant, B.A. (Hons)
Mr Emanuel Sammut
Mr Anthony Mallia
Mr Anthony Busuttil, B.A. (Econ.)

23rd October, 1987

### No. 638

### RESUMPTION OF DUTIES BY THE HOUSING SECRETARY

MR Albert Attard, Housing Secretary, resumed duties on the 19th October, 1987, and the arrangement referred to in Government Notice No. 613 of the 13th October, 1987, is hereby cancelled.

23rd October, 1987

**Nru. 639**

**KUMITATI GHALL-ISMIJIET TAT-TOROQ**

NGHARRFU ghall-informazzjoni ta' kulhadd illi l-Kumitati ghall-Ismijiet tat-Toroq ghal Malta u Ghawdex ġew rikostitwiti kif ġej:—

MALTA

*Chairman*

Dott. Godfrey Wettinger, Ph.D. (Lond.)

*Membri*

Rappreżentant tal-Kummissjonarju Prinċipali Elettorali

Is-Sinjorina Tessa Baluci

Dott. Oliver Friggieri

Is-Sur Walter Zahra

*Segretarju*

Is-Sur Joseph Dalli

GHAWDEX

*Chairman*

Is-Sur J. P. Dimech, A. & C.E.

*Membri*

Is-Sur Joe Attard

Ir-Rev. Dott. Joe Bezzina

Is-Sur Antonio Buttigieg

Dott. Joseph Ellis, LL.D.

It-23 ta' Ottubru, 1987
(WD 2139/86)

**No. 639**

**STREET NAMES COMMITTEES**

IT is notified for general information that the Street Names Committees for Malta and Gozo have been reconstituted as follows:—

MALTA

*Chairman*

Dr Godfrey Wettinger, Ph.D. (Lond.)

*Members*

Representative of the Chief Electoral Commissioner

Miss Tessa Baluci

Dr Oliver Friggieri

Mr Walter Zahra

*Secretary*

Mr Joseph Dalli

GOZO

*Chairman*

Mr J. P. Dimech, A. & C.E.

*Members*

Mr Joe Attard

Rev. Dr Joe Bezzina

Mr Antonio Buttigieg

Dr Joseph Ellis, LL.D.

23rd October, 1987

**Nru. 640**

**NOMINA TEMPORANJA**

IL-PRIM Ministru approva dan li ġej:—

**No. 640**

**ACTING APPOINTMENT**

THE Prime Minister has approved the following:—

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr Joseph Sapiano | Direttur<br>*Director* | Reġistratur Pubbliku, Uffiċjal dwar il-Valutazzjoni ta' l-Artijiet u Reġistratur taż-Żwiġijiet<br>*Public Registry, Land Valuation Officer and Marriage Registrar*<br>(OPM/E/5571/46/II) | 9.10.87 |

It-23 ta' Ottubru, 1987

23rd October, 1987

## Nru. 641

### ATT TA' L-1981 DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET

**Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:—

(1) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Angelo Vella għan-nom ta' Romulus Construction Co. Ltd., Nru. ta' Reġistrazzjoni C 5208, b'uffiċċju reġistrat f'B'Kara.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

(i) Iż-żewġ kwinti indiviż tal-fond bin-numru 30, fi Triq Tommaso Dingli, il-Mosta.

(ii) L-utile dominju perpetwu ta' żewġ kwinti indiviżi ta' garaxx bla numru u bla isem b'ġardina annessa tal-kejl ta' mija u ħamsa u sittin metru kwadru (165m²), fi Triq Tommaso Dingli, il-Mosta.

(LR-A 1281/87, 1282/87)

(2) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Jeanette Laferla Saliba għan-nom ta' Theresa Bezzina, Karta ta' l-Identità Nru. 11033744(M), li toqgħod Ħaż-Żebbuġ, Malta.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

Il-fond Nru. 34, in parti sottopost għal beni ta' terzi, fi Triq il-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ, Malta.

(LR-A 1293/87)

(3) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Joseph F. Abela għan-nom ta' Dominic John Borg, Karta ta' l-Identità Nru. 435955(M), li joqgħod Ħal Qormi.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

Id-dar bl-isem 'Iris' u garaxx, it-tnejn bla numru fi Triq in-Naħal, Ħal Qormi.

(LR-A 1300/87)

(4) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Victor J. Bisazza għan-nom ta' Meliton Group Co. Ltd., Nru. ta' Reġistrazzjoni C 8193, b'uffiċċju reġistrat fil-Belt Valletta.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

L-utile dominju perpetwu ta':

(i) Garaxx bla numru jismu 'San Ġorġ' sottopost għal beni ta' terzi, f'Misraħ Ġuzè Flores, Ħal Qormi.

## No. 641

### LAND REGISTRATION ACT, 1981

**Notice of intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:—

(1) APPLICANT'S NAME

Notary Angelo Vella on behalf of Romulus Constructon Ltd., Registration No. C 5208, with a registered office at B'Kara.

*Description of the Land to be Registered*

(i) The two-fifths undivided share of the premises No. 30 in Thomas Dingli Street, Mosta.

(ii) The perpetual utile dominium of the two-fifths undivided share of the unnumbered and unnamed garage, with an adjacent garden, measuring one hundred and sixty five square metres (165m²), in Thomas Dingli Street, Mosta.

(2) APPLICANT'S NAME

Notary Jeanette Laferla Saliba on behalf of Theresa Bezzina, Identity Card No. 11033744 (M), residing at Żebbuġ, Malta.

*Description of the Land to be Registered*

The premises No. 34 partly underlying third party property in Grace Street, Żebbuġ, Malta.

(3) APPLICANT'S NAME

Notary Joseph F. Abela on behalf of Dominic John Borg, Identity Card No. 435955(M), residing at Qormi.

*Description of the land to be Registered*

The house named 'Iris' and garage, both unnumbered in Triq in-Naħal, Qormi.

(4) APPLICANT'S NAME

Notary Victor J. Bisazza on behalf of Meliton Group Co. Ltd., Registration No. C 8193, with a registered office at Valletta.

*Description of the Land to be Registered*

The perpetual utile dominium of:

(i) The unnumbered garage named 'San Ġorġ' underlying third party property in Misraħ Ġuzè Flores, Qormi.

(ii) Terran bin-numru 69, sottopost għal beni ta' terzi, fi Triq Pinto, Ħal Qormi.

(LR-A 1301/87, 1302/87)

(5) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Tonio Spiteri għan-nom ta' Joseph Bartolo, Karta ta' l-Identità Nru. 20056(M), li joqgħod in-Naxxar.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

Ir-razzett bla numru jismu 'Dontoucher' bl-artijiet ta' madwaru, tal-kejl ta' ħdax-il elf seba' mija u tnejn u erbgħin metru kwadru (11,742m²), fi Vjal il-Labour, in-Naxxar.

(LR-A 1304/87)

(6) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Joseph R. Darmanin għan-nom ta' John Ghigo u Salvatore Zammit, Karti ta' l-Identità Nri. 134539(M) u 440445(M) rispettivament, li joqogħdu ż-Żurrieq u Ħaż-Żebbuġ, Malta.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

L-utile dominju perpetwu tal-*plots* Nri. 47, 48, 49 u 53, tal-kejl komplessiv ta' elf u mija u wieħed u tmenin metru kwadru (1,181m²), li jagħmlu parti mill-art 'Tal-Qanna Wis', f'Ħal Qormi.

(LR-A 1309/87)

(7) ISEM L-APPLIKANT

In-Nutar Angelo Vella għan-nom ta' Georgina Attard, Karta ta' l-Identità Nru. 499050(M), li toqgħod Ħal Qormi.

*Deskrizzjoni ta' l-Art li se tiġi Reġistrata*

L-utile dominju perpetwu tad-dar bla numru, jisimha 'Dar il-Hena', fi Triq id-Deheb Fin, f'Ħal Qormi.

(LR-A 1312/87)

L-applikazzjonijiet, pjanti preżentati magħhom u d-dokumenti oħra jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, 116, Triq il-Punent, Valletta.

Jekk ma tiġix depożitata miegħi (fir-Reġistru ta' l-Artijiet) kawżjoni kontra l-ewwel reġistrazzjoni qabel ma jgħaddu tletin (30) jum minn din id-data, jien nipproċedi billi nirreġistra t-titoli ta' l-art. Fi żmien qasir jinħareġ ċertifikat ta' titolu f'isem l-applikanti msemmija hawn fuq.

Dott. A. Micallef Trigona. LL.D.,
*Reġistratur ta' l-Artijiet*

It-23 ta' Ottubru, 1987

(ii) The ground floor No. 69, underlying third party property, at Qormi.

(5) APPLICANT'S NAME

Notary Tonio Spiteri on behalf of Joseph Bartolo, Identity Card No. 20056(M), residing at Naxxar.

*Description of the Land to be Registered*

The unnumbered farmhouse named 'Dontoucher' with the surrounding lands measuring eleven thousand seven hundred and forty two square metres (11,742m²), in Labour Avenue, Naxxar.

(6) APPLICANT'S NAME

Notary Joseph R. Darmanin on behalf of John Ghigo and Salvatore Zammit, Identity Card Nos. 134539(M) and 440445(M) respectively, residing at Żurrieq and Żebbuġ, Malta.

*Description of the Land to be Registered*

The perpetual utile dominium of the plots Nos. 47, 48, 49 and 53 having a total measurement of one thousand one hundred and eighty one square metres (1,181m²), forming part of the land Tal-Qanna Wis', at Qormi.

(7) APPLICANT'S NAME

Notary Angelo Vella on behalf of Georgina Attard, Identity Card No. 499050(M), residing at Qormi.

*Description of the land to be Registered*

The perpetual utile dominium of the unnumbered house named 'Dar il-Hena', in Triq id-Deheb Fin, Qormi.

The applications, plans presented therewith and other documents may be inspected at the Land Registry, 116, West Street, Valletta.

If a caution against first registration is not lodged with me (at the Land Registry) before the expiration of thirty (30) days from the date of this notice, I shall proceed to register the titles to the land. In due course a certificate of title shall be issued in the above-mentioned applicants' names.

Dr. A. Micallef Trigona. LL.D.,
*Land Registrar*

23rd October, 1987

## Nru. 642

## BORD DWAR SERVIZZI ĠENERALI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Aġent President ta' Malta għoġbu japprova illi l-Bord dwar Servizzi Ġenerali nominat skond l-Artikolu 35 ta' l-Ordinanza dwar l-Organizzazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa (Kap. 148) ikun kompost kif ġej għal perijodu ta' sena:—

It-Tabib Prinċipali tal-Gvern — *Chairman*

Id-Direttur tax-Xogħlijiet jew ir-rappreżentant tiegħu

Iż-żewġ Tobba Prinċipali

Dott. P. Fenech, B.Pharm., M.D., D.T.M. & M. (Lond.), D.P.H. (L'Pool) — Tabib Anzjan

L-Uffiċjal Anzjan tal-Laboratorju tas-Saħħa Pubblika

Is-Sur J. Genovese, B.E. & A., A. & C.E. — jirrappreżenta l-Kamra tal-Periti u l-Inġiniera Ċivili

Is-Sur Achille Soler

Is-Sur Carmel Calleja — *Segretarju*

Is-7 ta' Ottubru, 1987
(Sec/2286/61)

## No. 642

## GENERAL SERVICES BOARD

IT is notified for general information that the Acting President of Malta has been pleased to approve that the General Services Board appointed in terms of Section 35 of the Department of Health (Constitution) Ordinance (Cap. 148), be composed as follows for a period of one year:—

The Chief Government Medical Officer — *Chairman*

The Director of Works or his representative

The two Principal Medical Officers

Dr P. Fenech, B.Pharm., M.D., D.T.M. & M. (Lond.), D.P.H. (L'Pool) — Senior Medical Officer

The Senior Public Health Laboratory Officer

Mr J. Genovese, B.E. & A., A. & C.E. — representing the Chamber of Architects and Civil Engineers.

Mr Achille Soler

Mr Carmel Calleja — *Secretary*

7th October, 1987

## Nru. 643

## ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 74)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz taddeheb u l-fidda li fuqu huma ibbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie iffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:—

| Data | Deheb Pur Gramma | Fidda Pura Gramma |
|---|---|---|
| 16.10.87 | Lm5.19,2 | 9c7 |
| 19.10.87 | Lm5.21,1 | 9c7 |
| 20.10.87 | Lm5.40,1 | 10c1 |
| 21.10.87 | Lm5.21,4 | 9c1 |
| 22.10.87 | Lm5.28,3 | 9c4 |

It-23 ta' Ottubru, 1987

## No. 643

## GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE (CHAPTER 74)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:—

| Date | Pure Gold Gram | Pure Silver Gram |
|---|---|---|
| 16.10.87 | Lm5.19,2 | 9c7 |
| 19.10.87 | Lm5.21,1 | 9c7 |
| 20.10.87 | Lm5.40,1 | 10c1 |
| 21.10.87 | Lm5.21,4 | 9c1 |
| 22.10.87 | Lm5.28,3 | 9c4 |

23 October, 1987

**Nru. 644**

**SETT TA' PUSTAĠĠ TAL-MILIED 1987**

IL-*POSTMASTER-General* igħarraf illi l-Ministru għall-Iżvilupp ta' l-Infrastruttura awtorizza l-ħruġ nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Novembru, 1987, ta' sett ta' tliet bolli tal-pustaġġ tal-Milied. Dan is-sett se jibqa' għall-bejgħ sa nhar it-Tnejn, l-4 ta' April, 1988, kemm-il darba l-ħażniet ma jispiċċawx qabel.

It-tliet bolol li jiffurmaw dan is-sett jinkludu żieda żgħira minbarra l-valur tal-pustaġġ tiegħu. Id-dħul miż-żieda żgħira se jitqassam, fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat nominat mill-Gvern, fost organizzazzjonijiet li jieħdu ħsieb it-tfal u organizzazzjonijiet filantropiċi li jieħdu ħsieb persuni inkapaċitati li jgħixu f'istituzzjonijiet tal-karità jew fi djar privati.

Is-sett juri riproduzzjonijiet ta' l-ewwel tliet minjaturi mill-Kotba Korali li jinsabu konservati fil-Mużew tal-Katidral ta' San Ġwann. Il-valur tal-pustaġġ, iż-żieda fil-pustaġġ u s-suġġett ta' kull bolla ikunu kif ġej:—

| Valur tal-Pustaġġ *Postage Value* | Żieda fil-Pustaġġ *Surcharge* | Suġġett *Subject* |
|---|---|---|
| 2c | 1c | It-Twelid ta' Sidna Ġesù *The Nativity of Christ* |
| 8c | 2c | Iż-żjara tal-Verġni Marija lil Eliżabetta *The Virgin Mary's visit to Elizabeth* |
| 20c | 3c | L-Epifanija *The Epiphany* |

L-*artwork* tal-bolli kien preparat minn Richard Caruana wara konsultazzjoni mal-Bord Konsultativ dwar id-Disinn tal-Bolli. Il-bolli se jiġu stampati minn Printex Limited bil-litografija b'ħafna kuluri fuq folji bil-*watermark* bis-Salib ta' Malta ta' 40 bolla l-waħda. Id-daqs tal-bolli se jkun ta' 48 mm × 39.5 mm f'format orizzontali b'qies ta' perforazzjoni ta' 14 × 14.

Rekwiżizzjonijiet mingħand bejjiegħa tal-bolli bil-liċenza jintlaqgħu sa u mhux aktar tard mis-1.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, it-3 ta' Novembru, 1987. Dawk li jixtiequ jimpustaw *First Day Covers* reġistrati fi kwantitajiet ta' aktar minn ħamsa fil-għadd huma mitluba biex jużaw il-formola speċjali għal ittri reġistrati, li tista' tinkiseb mill-*Counter Hall* fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta u mit-Taqsima tal-Konsenja tas-*Central Mail Room*, Valletta, kif ukoll mill-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta u mis-Sub-Uffiċċji kollha tal-Posta.

L-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta se jiftaħ mis-7.30 a.m. sas-6.00 p.m. nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Novem-

**No. 644**

**CHRISTMAS 1987 POSTAGE SET**

THE Postmaster General notifies that the Minister for Development of Infrastructure has authorised the issue on Friday, 6th November, 1987, of a set of three Christmas postage stamps. This set will remain on sale up to Monday, 4th April, 1988, unless stocks are previously exhausted.

The three stamps forming this set will include a surcharge in addition to the postage value. The proceeds from the surcharge will be distributed, on the recommendations of a Committee appointed by the Government, among child welfare organizations and philanthropic organizations that assist handicapped persons residing in charitable institutions or private homes.

This set features reproductions of three illuminated initial letters from the Choral Books which are conserved at the Museum of St John's Co-Cathedral. The postage value, surcharge and subject of each stamp will be as follows:—

The artwork of the stamps was prepared by Richard Caruana after consultation with the Stamp Design Advisory Board. The stamps will be printed by Printex Limited in multicoloured lithography on Maltese Cross watermarked sheets of 40. The size of the stamps will be 48 mm × 39.5 mm in a horizontal format with a perforation gauge of 14 × 14.

Requisitions from licensed stamp vendors will be received up to and not later than 1.00 p.m. on Tuesday, 3rd November, 1987. Persons wishing to post registered First Day Covers in quantities exceeding five in number are requested to use the special form for registered letters obtainable from the Counter Hall of the General Post Office and the Delivery Section of the Central Mail Room, Valletta, and from all Branch Post Offices and Sub-Post Offices.

The General Post Office will open from 7.30 a.m. to 6.00 p.m. on Friday, 6th November, 1987,

bru, 1987. F'din id-data, il-Fergħat ta' l-Uffiċċju tal-Posta u s-Sub-Uffiċċji tal-Posta jkunu miftuħa matul il-ħinijiet normali tax-xogħol tagħhom.

It-23 ta' Ottubru, 1987

On this date, the Branch Post Offices and Sub-Post Offices will open during their normal business hours.

23rd October, 1987

---

## L-OGĦLA PREZZIJIET TA' VETTURI BIL-MUTUR

*(Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3)*

**Ordni Nru. 133**

Id-Direttur tal-Kummerċ igħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom it-tipi ta' vetturi bil-mutur li ġejjin jistgħu jinbiegħu, għandhom ikunu kif ġej:—

## MAXIMUM PRICES OF MOTOR VEHICLES

*(Sale of Commodities (Control) Regulations 1972, Regulation 3)*

**Order No. 133**

The Director of Trade notifies that the maximum prices at which the following types of motor vehicles may be sold, shall be as follows:—

| **Tip**<br>**Type** | Nru. tax-Chassis<br>Chassis No. | **Prezz lill-Pubbliku**<br>**Price to Public**<br>**Lm** |
|---|---|---|
| ISUZU | | |
| KBD26-05 1949cc, Chassis/Cab, Diesel | 260H6242838/260H6242846 | 3328 |
| NHR54E-01 2499cc, Chassis/Cab, Diesel | 54EJ7100003 | 3822 |
| VOLVO | | |
| 740 GL 2383cc, 4 door, diesel, metallic | 187235/187394 | 8337 |
| OPEL | | |
| Omega LS, 1800cc, 4 door, power steering, metallic | 16J1021902 | 6074 |
| Omega LS, 1800cc, 4 door, power steering, metallic, tinted glass, central locking alloy wheels with special tyres, electric doors | 16J1024985 | 7071 |
| TOYOTA | | |
| EE800R-EEMDS Corolla 1300XL, 12 valve, 4 door, saloon delux | EE80-0177359/EE80-0177481 | 4819 |
| CE80R-EEMDSW, Corolla 1800DX, diesel | CE80-00043035 | 5764 |
| CE80R-EEMDSW, Corolla 1800DX, diesel, sunroof, front console box | CE80-00043348 | 6064 |
| MERCEDES-BENZ | | |
| 190 | WDB201023-2F-411403 | 8773 |

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

It-23 ta' Ottubru, 1987
(DT 3/4/83)
(S.I.T.C. No. 732110)

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

23rd October, 1987

## DIPARTIMENT TAL-PORTIJIET

**Eżami għal Ħruġ ta' Liċenza biex Wieħed jagħmilha ta' Bdot Temporanju bi Prova**

Id-Direttur tal-Portijiet igħarraf illi l-Bord Dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ se jagħmel eżami kompetitiv għall-ħruġ ta' liċenza biex wieħed jagħmilha ta' bdot temporanju bi prova skond l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet u r-Regolamenti ta' l-1975 dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ.

2. Il-kandidati għandhom: —

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb;

(ċ) ikunu ħielsa minn kull difett fiżiku jew mentali jew mard li jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa ta' dmirijiethom;

(d) ma jkollhomx inqas minn 25 sena u mhux iżjed minn 50 sena fid-data ta' l-egħluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijet;

(e) jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija, iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien maċ-ċertifikati tal-ġenituri tagħhom u tan-nannu min-naħa tal-missier li juru l-post tat-twelid;

(f) jippreżentaw: —

(i) ċertifikat ta' kompetenza ta' gradi ta' mhux inqas minn Tieni Uffiċjal ta' bastiment li jbaħħar l-oċeani maħruġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili, jew Ċertifikat ekwivalenti maħruġ minn xi awtorità kompetenti barranija; jew

(ii) liċenza ta' Padrun, jew kaptan tat-tielet klassi maħruġa skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili; jew

(iii) liċenza speċjali biex wieħed jagħmilha ta' Kaptan ta' bastiment maħruġa skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1955 dwar Bastimenti tal-Passiġġieri u tat-Tagħbija li Jaħdmu Mekkanikament;

(ġ) jippreżentaw prova bil-miktub ta' għall-anqas ħames snin servizz fuq il-baħar li jinkludi servizz fuq il-baħar fil-portijiet.

3. Kandidati li huma marbuta bi ftehim ta' apprendistat jistgħu ma jintgħażlux kemm-il darba ma jippreżentawx il-kunsens bil-miktub tad-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni.

4. Qabel ma kandidat jingħata liċenza biex jagħmilha ta' bdot temporanju bi prova, il-Bord dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ irid ikun sodisfatt illi dak il-kandidat:—

(a) ikun jikkwalifika skond il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' hawn fuq;

## PORTS DEPARTMENT

**Examination for the Issue of a Licence to Serve as Temporary Pilot on Probation**

The Director of Ports notifies that a competitive examination for the issue of a licence to serve as a temporary pilot on probation will be held by the Pilotage and Mooring Board in terms of the Ports Ordinance, 1962, and of the Pilotage and Mooring Regulations, 1975.

2. Candidates must:—

(a) be citizens of Malta;

(b) be of good moral character;

(c) be free from any physical or mental defect or disease likely to interfere with the proper discharge of their duties;

(d) be not less than 25 years of age and not over 50 years of age on the closing date for submission of applications;

(e) produce a police certificate of conduct, their birth certificate together with certificates of parents and paternal grandfather showing the place of birth;

(f) produce:—

(i) a certificate of competency for grades not lower than that of a Second-Mate of an ocean-going ship issued in accordance with the provisions of the Merchant Shipping Act, 1973, or an equivalent certificate issued by any foreign competent authority; or

(ii) a licence to act as Padrone, or master of the third class issued in accordance with the provisions of the Merchant Shipping Act, 1973; or

(iii) a special licence to act as Master of a boat issued in accordance with the provisions of the Mechanically Driven Boats (Passengers and Cargo) Regulations, 1955;

(g) produce written evidence of at least five years sea service including sea service in ports.

3. Candidates who are bound by apprenticeship may be precluded from selection unless they produce the consent in writing of the Director of Labour and Emigration.

4. Before a licence is granted to a candidate to serve as a temporary pilot on probation the Pilotage and Mooring Board shall be satisfied that such candidate:—

(a) has complied with the conditions at paragraph 2 above;

(b) ikun instab minn *panel* ta' eżaminaturi li hu persuna xierqa u adattata biex tagħmilha ta' bdot temporanju bi prova;

(ċ) ikun, għas-sodisfazzjon tal-*panel* ta' l-eżaminaturi, għadda minn eżami fuq:—

(i) kif jagħraf is-sinjali lokali tat-traffiku tal-port u tagħrif tal-liġijiet u r-regolamenti dwar is-Servizz tal-Pilutaġġ;

(ii) tagħrif sħiħ tal-kontenut u l-applikazzjoni tar-Regolamenti Internazzjonali għall-Iskansar ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar u l-ħila li jagħraf id-dwal tal-bastimenti tal-qlugħ li jkunu qed ibaħħru u l-manuvri possibbli skond id-direzzjoni tar-riħ;

(iii) tagħrif dwar kif isib ir-rotta tal-boxxla u d-distanza bejn żewġ punti fuq mappa li tingħata rotta billi jiġu kunsidrati d-deriva u l-kurrent, li jkunu evitati perikli u li jiġu wżati sinjali ta' ħelsien; li jitfisser minn fuq mappa t-tagħrif li tagħti, b'mod partikolari dwar bagi, dwal, profondità u x-xorta tal-qiegħ il-baħar;

(iv) il-kapaċità li jifhem u jinterpreta s-Sinjali ta' l-Ajjut tal-Bdoti, is-Sinjali tal-Kontroll tal-Port, u s-Sinjali tal-Kodiċi Internazzjonali;

(v) tagħrif sħiħ tax-xtut ta' Malta u Għawdex u l-profondità tal-baħar fil-viċinanza tagħhom u fil-portijiet u l-bajjiet u n-navigazzjoni ta' bastiment fil-viċinanza tax-xtut ta' dawn il-Gżejjer u fil-portijiet tagħhom;

(vi) tagħrif sħiħ ta' l-ordnijiet tat-tmun; immarkar u l-użu ta' l-iskandall; ankri u ġumni; il-preparazzjonijiet u l-prekawzjonijiet għall-istartjar, dħul fil-port jew trakkar; preparazzjoni għax-xogħol biex jintefgħu l-ankri; preparazzjoni għall-irbit bejn bagi pruwa u poppa; tkarkir ta' l-ankra; l-użu tal-boxxla biex jiġi żgurat ir-riskju tal-kolliżjoni; kif teħles minn ankra mħabbla; kif teħles minn katina ta' ankra mħabbla; u proċedura u prekawzjonijiet ġenerali li għandhom jittieħdu meta jkun qed jiġi mdaħħal bastiment fil-baċir;

(vii) tagħrif sħiħ ta' l-effett ta' l-iskrejjen waqt it-tmexxija tal-bastiment, twaqqif, sijar u manuvrar; tidwir ċirku; effetti ta' kurrent, riħ, baħar, sikek, pixkar, trakkar ma' moll, ma' pont u ma' *dolphin*, irbit bejn bagi pruwa u poppa; tidwir ta' bastiment fil-qosor u manuvrar fil-portijiet; manuvrar ta' emerġenza; tmexxija ta' bastimenti fil-maltemp;

(viii) li jaf jaqra, jikteb u jitkellem bil-Malti u bl-Ingliż;

(b) has been found by the panel of examiners to be a suitable and fit person to serve as a temporary pilot on probation;

(c) has to the satisfaction of the panel of examiners passed an examination on:—

(i) the understanding of local harbour traffic signals and knowledge of the laws and regulations governing the Pilotage Service;

(ii) full knowledge of the contents and application of the International Regulations for Preventing Collisions at Sea and ability to recognise a sailing ship's lights and possible manoeuvres according to the direction of the wind;

(iii) knowledge how to find on a chart the magnetic course and the distance between two points, to lay off a course allowing for leeway and current, to avoid dangers and the use of clearing marks; to interpret from a chart the information it gives, particularly about buoys, lights, depths and nature of sea bottom;

(iv) ability to understand and interpret Distress and Pilot Signals, Harbour Control Signals, and the International Code of Signals;

(v) full knowledge of the coasts of Malta and Gozo and of the depth of water in their vicinity and within harbours and bays and of the navigation of a ship in the vicinity of the coasts of these Islands and within their harbours;

(vi) full knowledge of helm orders; markings and use of the lead line; anchors and cables; the preparations of precautions for getting under way, making harbour or coming along-side; preparation for anchoring operations; preparation for securing to head and stern buoys; dragging anchor; the use of compass bearings to ascertian risk of collision; clearing of a foul anchor; clearing a foul hawse; and general procedure and precautions to be observed when drydocking;

(vii) full knowledge of the effect of propellers on the steering of a ship, stopping, going astern and manoeuvring; turning circles; effects of current, wind, sea, shallows, draft, coming alongside a wharf, jetty and dolphin, securing to head and stern buoys; turning a ship short round and manoeuvring in harbours; emergency manoeuvres; management of ships in stormy weather;

(viii) ability to read, write and speak Maltese and English;

(ix) tagħrif ta' espressjonijiet tekniċi fin-nawtika.

5. Liċenza maħruġa biex wieħed jagħmilha ta' pilota temporanju bi prova tibqa' valida, sakemm ma tiġix imħassra qabel, sa sitt xhur mid-data tal-ħruġ u matul dak il-perijodu d-detentur tal-liċenza jitqies li hu membru temporanju tal-Korp tal-Pilutaġġ u jitħallas mill-Korp tal-Pilutaġġ *probationary allowance* kull xahar li tkun ekwivalenti għal 50% tad-dħul fix-xahar ta' pilota b'liċenza sħiħa.

6. Kandidat, li tinħariġlu liċenza biex jagħmilha ta' pilota temporanju bi prova, li jonqos li jissodisfa l-Bord dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ, matul il-perijodu tiegħu ta' sitt xhur bi prova, li hu adattat u tajjeb biex jagħmilha ta' bdot, jista' jitħalla joqgħod għal aktar taħriġ għal perijodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

7. Kandidat, li tinħariġlu liċenza biex jagħmilha ta' pilota temporanju bi prova, li jissodisfa l-Bord dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ li hu addattat u tajjeb biex jagħmilha ta' pilota, għandha tinħariġlu liċenza biex jagħmilha ta' pilota u wara għandu jitqies bħala membru regolari tal-Korp tal-Pilutaġġ.

8. Applikazzjonijiet għal nomina biex wieħed joqgħod għall-eżami jintlaqgħu mid-Direttur tal-Portijiet fix-Xatt ta' Pinto, Valletta, mhux aktar tard mill-4.00 p.m. tal-Ġimgħa, l-4 ta' Diċembru, 1987. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mis-Segretarju tal-Bord dwar il-Pilutaġġ u l-Irmiġġ fl-uffiċċju msemmi hawn fuq. Irid jitħallas dritt ta' l-eżami ta' Lm5. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux kunsidrati.

It-23 ta' Ottubru, 1987

(ix) knowledge of nautical technical terms.

5. A licence issued to serve as a temporary pilot on probation shall, unless previously cancelled, remain valid for a period of six months from the date of issue, during which time the licencee shall be deemed to be a temporary member of the Pilotage Corps and shall be paid by the Pilotage Corps a monthly probationary allowance equivalent to 50% of the monthly earning of a fully licenced pilot.

6. A candidate, issued with a licence to serve as a temporary pilot on probation, who fails to satisfy the Pilotage and Mooring Board, during his six months probationary period, that he is suitable and fit to serve as a pilot, may be allowed to undergo further training for a period not exceeding six months.

7. A candidate, issued with a licence to serve as a temporary pilot on probation, who satisfies the Pilotage and Mooring Board that he is suitable and fit to serve as a pilot, shall be issued a licence to serve as a pilot and shall thereafter be deemed to be a regular member of the Pilotage Corps.

8. Applications for nomination to sit for the examination will be received by the Director of Ports at Marina Pinto, Valletta, not later than 4.00 p.m. of Friday, 4th December, 1987. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the Secretary of the Pilotage and Mooring Board at the above mentioned Office. An examination fee of Lm5 is payable. Late applications will not be considered.

23rd October, 1987

---

L-UNIVERSITA' TA' MALTA

**Applikazzjonijiet għall-Post ta' Tekniku II/Tekniku I**

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *full-time* ta' Tekniku II/Tekniku I mingħand kandidati li għandhom 2 *passes* f'Livell 'A' u 5 *passes* f'Livell 'O' fis-suġġetti li ġejjin: —

*Passes* f'Livell 'A' f'suġġetti adattati tax-Xjenza.

*Passes* f'Livell 'O' fil-Lingwa Ingliża, il-Malti (Matrikola), Matematika u 2 suġġetti oħra.

THE UNIVERSITY OF MALTA

**Applications for the Post of Technician II/Technician I**

Applications are invited for the full-time post of Technician II/Technician I from candidates in possession of 2 'A' Level and 5 'O' Level passes in the following subjects: —

'A' Level passes in appropriate Science subjects.

'O' Level passes in English Language, Maltese (Matriculation), Mathematics and 2 other subjects.

2. Il-post ta' Tekniku II għandu salarju ta' Lm1,999 × 40 — Lm2,268 × 54 — Lm2,428 × 54 — Lm2,522 fis-sena; dak ta' Tekniku I hu Lm1,847 × 40 — Lm2,114 fis-sena.

3. Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mingħand l-Uffiċjal Esekuttiv (*Personnel*), Kamra 15, Bini ta' l-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta, u għandhom jintbagħtu sa nofs in-nhar tat-Tnejn, id-9 ta' Novembru, 1987.

It-23 ta' Ottubru, 1987

2. The salary attached to the post of Technician II is Lm1,999 × 40—Lm2,268 × 54—Lm2,428 × 54 — Lm2,522 per annum; that of Technician I is Lm1,847 × 40 — Lm2,114 per annum.

3. Further particulars may be obtained from the Executive Officer (Personnel), Room 15, Administration Building, the University of Malta, and should be lodged by noon of Monday, 9th November, 1987.

23rd October, 1987

---

## DIPARTIMENT TAL-POSTA

*Philatelia '87 International Stamp Fair*

**Timbru Speċjali ta' l-Idejn**

Il-*Postmaster General* jgħarraf illi timbru speċjali ta' l-idejn se jintuża fl-okkażjoni tal-parteċipazzjoni ta' l-Uffiċċju tal-Posta ta' Malta f'PHILATELIA '87 li se ssir f'Cologne, il-Ġermanja tal-Punent, mis-6 sat-8 ta' Novembru, 1987.

It-timbru se jkollu l-kliem kif ġej: —

"MALTA POST OFFICE
PHILATELIA '87 INTERNATIONAL STAMP FAIR
6 - 8 NOVEMBER 1987
COLOGNE"

It-timbru, li se jkollu wkoll l-emblema tal-wirja msemmija hawn fuq, se jintuża fis-6 u s-7 ta' Novembru, 1987, fil-*Counter* Filateliku, Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, mit-8.00 a.m. sas-12.45 p.m. u fis-*Central Mail Room*, Pjazza Kastilja, Valletta, mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m.

Kull oġġett postali ittimbrat bit-Timbru Speċjali ta' l-Idejn "Philatelia '87" u impustat nhar il-Ħadd, it-8 ta' Novembru, 1987, u miġbur mill-kaxxi ta' l-ittri fit-toroq matul l-ewwel ġabra nhar it-Tnejn, id-9 ta' Novembru, 1987, ma jkunx intaxxat iżda ittimbrat minn wara bil-mod normali.

Timbru identiku se jintuża f'li *Stand* ta' l-Uffiċċju tal-Posta ta' Malta f'Philatelia '87.

It-23 ta' Ottubru, 1987

## DEPARTMENT OF POSTS

*Philatelia '87 International Stamp Fair*

**Special Hand-Postmark**

The Postmaster General notifies that a special hand-postmark will be used on the occasion of the participation of the Malta Post Office in PHILATELIA '87 which is being held in Cologne, West Germany, from the 6th to the 8th November, 1987.

The postmark will be inscribed as follows: —

"MALTA POST OFFICE
PHILATELIA '87 INTERNATIONAL STAMP FAIR
6 - 8 NOVEMBER 1987
COLOGNE"

The postmark, which will also incorporate the emblem of the above-mentioned exhibition, will be used on the 6th and 7th November, 1987, at the Philatelic Counter, General Post Office, from 8.00 a.m. to 12.45 p.m. and at the Central Mail Room, Castille Place, Valletta, from 8.00 a.m. to 6.00 p.m.

Any postal article postmarked with the "Philatelia '87" Special Hand Postmark Cancellation posted on Sunday, the 8th November, 1987, and cleared from street letter boxes during the first collection on Monday, the 9th November, 1987, will not be taxed but backstamped in the normal manner.

An identical postmark will be used at the Malta Post Office Stand at Philatelia '87.

23rd October, 1987

## DIPARTIMENT TAL-POSTA

### Timbru Speċjali ta' l-Idejn

Il-*Postmaster General* igħarraf illi timbru speċjali ta' l-idejn se jintuża biex jittimbra l-posta filatelika fl-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta u l-Fergħat kollha ta' l-Uffiċċju tal-Posta u s-Sub-Uffiċċji tal-Posta nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Novembru, 1987, l-ewwel ġurnata tal-ħruġ tas-sett tal-bolli tal-pustaġġ tal-Milied 1987.

It-timbru se jkollu l-kliem "MILIED 1987 — L-EWWEL JUM TAL-ĦRUĠ — 6.XI.87 — MALTA" u bl-isem tal-lokalità rispettiva. Fit-timbru se jiġi inkorporat ukoll motif li għandu x'jaqsam mal-bolli tal-Milied.

It-23 ta' Ottubru, 1987

* * *

### 'Stationery' Postali

*First day covers* uffiċjali, *souvenir folders* u *presentation packs* ġew preparati għas-sett ta' bolli tal-pustaġġ tal-Milied 1987. Dawn l-oġġetti se jkunu għall-bejgħ mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Posta, Valletta, u mill-Fergħat u mis-Sub-Uffiċċji kollha tal-Posta kif ġej:—

| Oġġett<br>*Item* | Prezz<br>*Price* | Perijodu tal-Bejgħ<br>*Period of Sale* |
|---|---|---|
| First Day Covers<br>*First Day Covers* | 5c-il wieħed<br>*5c each* | Mit-3 sas-6 ta' Novembru, 1987<br>*From 3rd to 6th November, 1987* |
| Souvenir Folders<br>*Souvenir Folders* | 5c-il wieħed<br>*5c each* | Mit-3 sas-6 ta' Novembru, 1987<br>*From 3rd to 6th November, 1987* |
| Presentation Packs<br>*Presentation Packs* | 46c-il wieħed<br>*46c each* | Mis-6 ta' Novembru, 1987 sa l-4 ta' April, 1988<br>*From 6th November, 1987 to 4th April, 1988* |

It-23 ta' Ottubru, 1987

* * *

### Ritratti tas-Sett tal-Bolli tal-Pustaġġ tal-Milied 1987

Ritratti bl-abjad u iswed imkabbra tal-bolli tal-pustaġġ tal-Milied 1987 jistgħu jiġu ordnati mill-*Bureau* Filateliku, Auberge d'Italie, Valletta, mhux aktar tard mis-1.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, it-3 ta' Novembru, 1987.

It-23 ta' Ottubru, 1987

## DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI

Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet javża li l-eżami tal-Pustieri ser isir mit-Tnejn, it-2 ta' Novembru sal-Ġimgħa, is-6 ta' Novembru fl-0 ta' fil-għodu kif ġa ġew avżati l-kandidati li ser jersqu għal dan l-eżami.

Jekk hemm xi kandidat li jrid jiċċara xi diffikultajiet, għandu jmur 31, Triq Nofs-in-Nhar, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-Uffiċċju.

It-23 ta' Ottubru, 1987

## DEPARTMENT OF POSTS

### Special Hand-Postmark

The Postmaster General notifies that a special hand-postmark will be used for the cancellation of philatelic mail at the General Post Office and all Branch Post Offices and Sub-Post Offices on Friday, 6th November, 1987, the first day of issue of the Christmas 1987 postage set.

The postmark will be inscribed "MILIED 1987 — L-EWWEL JUM TAL-ĦRUĠ 6.XI.87 — MALTA" and with the name of the respective locality. A motif relating to the Christmas stamps will also be incorporated in the postmark.

23rd October, 1987

* * *

### Postal Stationery

Official first day covers, souvenir folders and presentation packs have been prepared for the Christmas 1987 postage set. These items will be available for sale from the General Post Office, Valletta, and from all Branch Post Offices and Sub-Post Offices as follows:—

23rd October, 1987

* * *

### Photographs of the Christmas 1987 Postage Stamps

Enlarged black and white photographs of the Christmas 1987 postage stamps may be ordered at the Philatelic Bureau, Auberge d'Italie, Valletta, by not later than 1.00 p.m. on Tuesday, 3rd November, 1987.

23rd October, 1987

## DEPARTMENT OF EDUCATION

The Examinations Registrar notifies that the Postmen examination is going to be held from Monday, 2nd November to Friday, 6th November at 10.00 a.m. Candidiates sitting for this examination have already been notified about these dates.

Any candidate who has any difficulty should call at 31, South Street, Valletta, during office hours.

23rd October, 1987

## STATEMENT OF THE CONSOLIDATED FUND ACCOUNT

for the period January/September 1987
compared with that for the corresponding period of 1986

**(Published in terms of Section 61 of the Financial Administration and Audit Act, 1962)**

| | 1987 | | 1986 | |
|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Balance on January 1 ... ... ... | | 2,558,618 | | 17,188,038 |
| Revenue from January 1 to Sept. 30 ... | | 148,766,663 | | 137,248,087 |
| Transfers from Contingencies Fund ... | | 349,197 | | 53,501 |
| | | 151,674,478 | | 154,489,626 |
| Transfers to Contingencies Fund ... | | — | | — |
| | | 151,674,478 | | 154,489,626 |
| Expenditure from January 1 to Sept 30 | | | | |
| Recurrent Services ... ... ... | 145,321,106 | | 138,546,705 | |
| Capital Programme ... ... ... | 35,452,242 | 180,773,348 | 27,247,444 | 165,794,149 |
| | | (—) 29,098,870 | | (—) 11,304,523 |
| Appreciation/Depreciation of Securities | | 550 | | — |
| Balance on September 30 ... ... | | (—) 29,098,320 | | (—) 11,304,523 |

The Treasury, Malta

16th October, 1987
Tr. 829/74/1
MFC 877/63/3

C. J. PORTELLI
*A/Accountant General*

**Eżamijiet tas-City & Guilds of London Institute — Mejju/Ġunju 1988**

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jgħarraf lill-kandidati li bi ħsiebhom joqogħdu għall-eżamijiet ta' hawn fuq, illi applikazzjonijiet jintlaqgħu mir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet minn nhar it-Tnejn, id-9 ta' Novembru, sa nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Novembru, 1987, mit-7.45 a.m. sa nofs in-nhar u mis-1.15 p.m. sa l-4.00 p.m. kif ġej:—

Kandidati f'Malta:
Fergħa ta' l-Eżamijiet,
31, Triq Nofs in-nhar,
Valletta

Kandidati f'Għawdex:
Uffiċċju ta' l-Uffiċjal ta' l-Edukazzjoni,
Ir-Rabat,
Għawdex

Dettalji dwar ħlasijiet u suġġetti disponibbli jistgħu jinkisbu mill-Fergħa ta' l-Eżamijiet, 31, Triq Nofs in-Nhar, Valletta, u mill-Uffiċċju ta' l-Uffiċjal ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu wara d-data ta' l-egħluq.

It-23 ta' Ottubru, 1987

**City and Guilds of London Institute Examinations — May/June 1988**

